MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Numru 801/2003

Il-Pulizija
(Sp Chris galea Scannura)
vs
Maria Calleja, bint Paolo,
imwielda Żebbuġ fit-3 ta'
jannar, 1925

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fl-1 ta' ottubru, 2002 u\jew matul is-snin\xhur preċedenti bħala proprjetarja, u\jew ammininstratura tal-fond numru 14, Triq il-Ġdida, Qormi, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, kissret il-gumni tas-serviżż elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond;
2. talli b'mezzi qarrieqa sabiex ikollha l-użu jew konsum elettriku jew li bihom setgħet twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew

markar fl-istess meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata ikkomettiet serq tal-kurrent elettriku li jammonta għall-Lm194.04 liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
3. talli matul l-istess perjodu kkaġunat ħsara volontarja fl-istess meter.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ ottubru, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputata ħallset dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ ottubru, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-eta’ ta’ l-imputata, il-fedina penali netta u il-fatt li ħallset dak kollu dovut. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------